MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2021

Appell Inferjuri Numru 14/2019/1 LM

**Emanuel Spiteri (K.I. nru 149854M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Christopher Micallef (K.I. nru 88882M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Christopher Micallef (K.I. nru 88882M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Jannar, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda

t-talba tar-rikorrent **Emmanuel Spiteri (K.I. nru 149854M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellat"] fil-konfront tiegħu, billi ddikjara li huwa kien debitur tal-appellat fis-somma ta' €4,000 u ordnalu sabiex iħallas din is-somma, flimkien mal-imgħax bir-rata ta' 8% mill-31 ta' Jannar, 2019, sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjeż ta' dik il-proċedura.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' dan l-appell jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas tal-ammont ta' €4,000, bilanċ fuq somma akbar li l-appellant permezz ta' skrittura tas-26 ta' Diċembru, 2012[1] aċċetta li huwa għandu jagħti lill-appellat u liema somma tirrappreżenta l-prezz ta' għodda li huwa kien eleva mingħand terz ċertu Carl Bezzina rappreżentant tas-soċjeta' KMK Ltd. Minkejja li l-appellat kien interpella lill-appellant għall-ħlas, anki permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-11 ta' Ottubru, 2018 *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellat baqa' inadempjenti.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat għalhekk istitwixxa l-proċeduri odjerni permezz tal-preżentata ta' Avviż ta' Talba quddiem it-Tribunal, fejn talab l-appellant sabiex iħallas is-somma ta' €4,000, bl-ispejjeż ta' dik il-proċedura inklużi dawk tal-ittra uffiċjali

[1] Dok. A a *fol.* 4.

tal-11 ta' Ottubru, 2018 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u anki bl-imgħaxijiet legali sal-pagament effettiv.

4. L-appellant wieġeb fil-21 ta' Frar, 2019 billi eċċepixxa li t-talbiet tal-appellat kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, u għaldaqstant it-talbiet tiegħu kellhom jiġu miċħuda.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidra;***

*Illi essenzjalment il-kwistjoni bejn il-partijiet hija regolata bid-dokument anness mal-Avviż tat-Talba (fn. 6 Dok A – a fol 4.), fejn l-istess dokument, kemm l-eżistenza tiegħu, l-firem fuq l-istess u allura r-rabta li temani minnu ġew ikkonfermati mill-kontendenti waqt ix-xhieda rispettiva tagħhom.*

*Illi din l-iskrittura turi li l-konvenut iddikjara ruħu debitur tal-attur f'ammont ta' tlettax il-elf Euro (€13,000). Irriżulta mhux kontestat ukoll li l-konvenut għamel pagament ta' ħamest elef Euro (€5,000) u kif ukoll pagament ieħor permezz ta' ċekk (fn. 7 A fol 5), f'ammont ta' erbat elef Euro (€4,000). It-talba hija arġinata biss fuq jekk jeżistix ammont ieħor rimanenti ta' erbat elef Euro (€4,000) jew jekk dan ġiex saldjat permezz ta' makkinarju jew xogħol imwettaq mill-konvenut. Dan qiegħed jingħad għaliex ma hemm l-ebda kontestazzjoni fuq il-pagamenti l-oħra u għalhekk it-Tribunal m'huwiex qiegħed jiġi mitlub jeżamina t-totalità monetarja indikata fl-iskrittura. Kieku hekk kien il-każ, kien ikun doveruż fuq it-Tribunal li jqajjem dubju fuq il-limiti tal-kompetenza tiegħu (fn. 8 Artikolu 774 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) (anki fin-nuqqas t'eċċezzjoni formali) u jagħti l-opportunitá lill-partijiet jittrattaw dan (fn. 9 Vide f'dan is-sens s-sentenza fl-ismijiet **Kevin Chircop vs Joseph***

***Chircop**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), App Ċiv Nru: 2760/1997/1, nhar il-1 ta' Diċembru 2006).*

*Illi kif jemerġi mix-xhieda u mil-linja difensjonali li ttieħdet, jirriżulta li l-kontestazzjoni prinċipali dwar il-bilanċ mertu ta' din il-vertenza hija li l-konvenut jgħid li dan l-ammont ġie mħallas b'xi għodda mogħtija mill-konvenut. Fix-xhieda tiegħu in kontroeżami (fn. 10 Seduta tat-18 ta' Frar 2020, xhieda rilevanti tibda* a tergo *ta' fol 30), l-konvenut spjega li kien hemm xi* second hand punches*, li huwa kien għadda lill-attur meta sar it-tieni pagament. Il-konvenut jgħid ukoll li kien hemm xi xogħol li huwa għamel lill-attur, liema xogħol kellu jiġi inkluż f'dan il-bilanċ. Jispjega wkoll peró li dan il-makkinarju kien offriehom hu stess u ma kienx hekk mitlub jew miftiehem mal-attur.*

*Illi min-naħa l-oħra l-attur jispjega li huwa qatt ma talab li jitħallas b'dan il-makkinarju, liema skont hu kienu bla valur u mhux funzjonanti. Dwar xi xogħol li seta' għamel il-konvenut jispjega li dan tal-aħħar kien tħallas tiegħu, li x-xogħol kellu difetti u li qatt ma titranġa u b'hekk lanqas kien għadu komplut. L-attur jibqa' jinsisti li jitħallas il-bilanċ.*

*Illi epurata din l-espożizzjoni fattwali qasira jmiss li t-Tribunali jinvesti fl-aspetti legali tal-vertenza odjerna.*

*Illi kif diġà ntqal aktar 'il fuq, apparti eċċezzjoni ġenerika, l-konvenut laqa' għal din l-azzjoni billi ċaħad li hemm bilanċ stante ħlas. Effetivament l-konvenut qiegħed jeċepixxi l-pagament, li* ex lege *huwa wieħed mill-modi magħrufa fil-liġi li twassal għall-estinzjoni ta' obbligazzjoni (fn. 11 Artikolu 1145(a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta)*

*Illi huwa ben magħruf peró li min jeċepixxi favur tiegħu l-pagament jarreka fuqu l-oneru li jipprovah (fn. 12 Wara kollox huwa l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula din ir-regola b'mod ġenerali). Din m'hemmx għalfejn tiġi ppruvata b'irċevuta iżda tkun trid teżisti prova konkreta li telimina l-inċertezza fil-ġudikant (fn. 13 Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Zammit v. Emanuele Galea et** (Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003) fejn ġie ritenut li* "Huwa ġeneralment rikonoxxut li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tingħata mhux biss b'irċevuti li, b'ċerta finalità jattestaw l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, iżda din il-prova tista' tinġieb ukoll b'mezzi ohra. Fl-assenza ta' rċevuti, però, il-prova trid tkun tali li ma tħalli ebda dubbju f'moħħ il-ġudikant."*). Għalkemm huwa minnu li dan it-Tribunal huwa regolat bi prinċipji speċjali u huwa wkoll iddeterminat b'sens ta' ekwitá, jrid però jingħad lit-Tribunal ma jistax jagħmel tajjeb hu għan-nuqqas ta' parti li tipprova hi allegazzjoni. M'huwiex għal min huwa mistenni jiġġudika li*

*jittanta jagħmel tajjeb hu għall-ommissjonijiet hu stess jekk parti tonqos jew tkun hekk ommissiva fil-fażi tal-ġbir tal-provi.*

*Illi dan kollu qiegħed jingħad minħabba s-segwenti.*

*Illi kif diġà ntqal jirriżulta li l-konvenut jfiehem li l-bilanċ ġie mħallas minħabba li għadda xi makkinarju u wettaq xi xogħol. Issa dwar il-makkinarju,* dato ma non concesso *li fil-fatt kien hemm xi bidla fil-ftehim orġiniali dwar kif kien sejjer jiġi ssaldajat d-dejn (għalkemm ma hemm xejn hekk indikattiv fl-iskrittura privata) ma hemm imkien fl-atti xi ħjiel ta' kemm seta' kien il-valur ta' dan il-makkinarju. Fin-nuqqas t'hekk, il-konvenut ma jistax jippretendi lit-Tribunal* di sua sponte *jagħti valur hu, li forsi jikkombaċja mal-bilanċ rikjest (fn. 14 Fis-sentenza fl-ismijiet* ***John Abela noe et vs Reuben Micallef****, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), App Ċiv Nru: 1704/2005/1, mogħtija fit-30 ta' Jannar 2009, ġie ritenut li: "*Di regola, it-Tribunal ma jindaħalx fix-xorta tal-provi li l-parti għandha ġġib. Dan hu mħolli fid-disponibilità u l-inizjattiva tal-parti li tagħmel l-allegazzjoni. Kompitu tat-Tribunal hu dak li jiddeċiedi l-kawża in bażi għall-provi sottoposti għall-eżami tiegħu. Jekk allura l-parti titraskura u, bħal f'dan il-każ, tonqos li ġġib il-prova dokumentali għad-diżimpenn ta' l-oneru gravanti fuqha biex tissorreġġi d-domanda, l-ebda ċensura ma tista' tigi rinfaċċjata lit-Tribunal ta' xi preġudizzju pretestwuż*"). Xi stima jew prova oġġettiva fuq dan kien mistenni mill-konvenut.*

*Illi dwar imbagħad x-xogħlijiet li l-konvenut jgħid li huwa wettaq, l-istess konvenut naqas milli jippromwovi din il-bażi bid-debita kontro-talba, kif kien mistenni li jagħmel. Jekk allura l-konvenut qiegħed b'xi mod ipitter din it-tieni linja difensjonali tiegħu abbażi ta' tpaċija, huwa destinat li jfalli hawnhekk ukoll.*

*Illi d-difensur tal-attur fit-trattazzjoni finali (fn. 15 A fol 44) għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Euro Equipdata Limited vs Enigma Productions Limited*** *(fn. 16 Talba Numru 727/01, Tribunal għal Talbiet Żgħar, 30 ta' Ottubru 2001) u għas-sentenzi hemm riportati. It-Tribunal, wara li qara dik is-sentenza, iqis l-insenjament hemm magħmul bħala mhux biss rilevanti imma wieħed li għandu applikazzjoni fit-tfitxxija għar-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza.*

*Illi mill-assjem tal-provi u l-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, t-Tribunal huwa moralment konvint lit-talbiet tal-attur għandhom jintlaqgħu."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-12 ta' Frar, 2021, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar, tirrevoka u tirrexxindi d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talba tal-appellat bl-ispejjeż kontrih. Jgħid li l-uniku aggravju tiegħu huwa li t-Tribunal għamel apprezzament u/jew interpretazzjoni u/jew applikazzjoni ħażina tal-liġi fir-rigward tal-fatti u tal-provi kif konstatati minnu stess.

7. Fit-tweġiba tiegħu tal-15 ta' Marzu, 2021, l-appellat issottometta li d-deċiżjoni appellata kienet timmerita li tiġi kkonfermata peress li kienet ġusta u anki studjata u fattwalment u legalment korretta.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat u dak li qal it-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*9*. L-appellant isostni li t-Tribunal applika ħażin il-liġi u l-prinċipji legali għall-fatti hekk kif ikkostatati minnu, li kellhom iwassluh għal konklużjoni differenti. Jirrileva li t-Tribunal sewwa osserva li l-kwistjoni bejn il-partijiet hija regolata permezz tal-iskrittura privata li kienet saret bejniethom, iżda jsostni li l-konsiderazzjonijiet legali tiegħu u l-konklużjonijiet li wasal għalihom ma jsegwux. Jispjega li dik l-iskrittura privata fiha konferma min-naħa tal-appellat

tal-pagament tal-ammont dovut lilu mingħand l-appellant, fejn saħansitra kien hemm il-firem taż-żewġ partijiet. Jinsisti li din kienet l-aqwa u l-aħjar prova li huwa seta' jġib u li seta' kien pretiż jew mistenni li jġib. Jekk imbagħad l-appellat kellu xi allegazzjoni fir-rigward ta' dak il-pagament li għamel l-appellant, dan kellu jippruvah l-appellat stess, iżda huwa fil-fatt ma kien ressaq l-ebda prova. Għalhekk l-iskrittura privata kienet ikkonfermata, ippruvata u saħansitra mhux kontestata, iżda minflok it-Tribunal għażel li jagħmel interpretazzjoni u apprezzament legali li ma jsegwux il-konstatazzjoni tiegħu stess. L-appellant hawnhekk jippreżenta għadd ta' osservazzjonijiet: (i) it-Tribunal irrileva li l-appellant kien qal li l-ammont pretiż kien tħallas permezz ta' xi għodda, iżda dejjem ikkonsidra dan bħala allegazzjoni; (ii) kienet irrilevanti l-konsiderazzjoni tat-Tribunal dwar min mill-partijiet offra li l-pagament isir b'dan il-mod; (iii) l-appellat sostna li l-għodda kienu bla valur u ma jiffunzjonawx, iżda dan qalu biss fix-xhieda tiegħu aktar minn sentejn wara, meta huwa kien saħansitra aċċetta l-pagament u mingħajr ma ressaq prova; (iv) il-pagament mhux neċessarjament isir fi flus; (v) huwa kien wera li l-pagament sar; (vi) ma setax jifhem x'prova kellha ssir sabiex tiġi eliminata l-inċertezza fil-ġudikant; (vii) ma kien hemm l-ebda ommissjoni da parti tiegħu li jressaq il-prova tal-pagament; (viii) kien hemm bidla fil-ftehim oriġinali dwar kif kien ser jiġi saldat id-dejn mingħajr konsiderazzjoni tal-valur tal-makkinarju u saħansitra kien hemm il-firma tal-partijiet għal dan fuq l-iskrittura privata; (ix) ix-xogħlijiet li jagħmel riferiment għalihom it-Tribunal huma rrilevanti; (x) it-tpaċija kontemplata mit-Tribunal kienet inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-ħlas. Fl-aħħar nett jissottometti li d-dewmien tal-proċeduri quddiem it-

Tribunal kien ’l hinn mill-kontroll tiegħu u għalhekk huwa ma kellux ibati l-imgħax kif ordnat mit-Tribunal.

10. Fir-risposta tiegħu, l-appellat jissottometti li l-argument tal-appellant quddiem it-Tribunal, u issa wkoll quddiem din il-Qorti, kien li t-tieni u l-aħħar notament kien jirrappreżenta pagament tal-bilanċ kollu fejn it-tliet *second-hand punches* kienu a saldu tal-aħħar €4,000 dovuta. Iżda l-appellat isostni li minn dak in-notament kien sew evidenti li l-pagament ma kienx sar għas-saldu tal-ammont kollu dovut, għaliex jekk dan kien il-każ, il-partijiet kienu jiktbu *“in full and final settlement”.* Jgħid li kuntrarjament għal dak li kien qed jinsisti fuqu l-appellant, kien proprju l-imsemmi appellant li kellu jġib prova dwar kemm kienet tiswa din l-għodda, ġaladarba huwa kien qed jallega li għaddiet lill-appellat bħala pagament ta’ dak dovut. Imma anki fix-xhieda tiegħu l-appellat kien iddikjara li l-għodda qatt ma kienet intiża sabiex jiġi saldat il-bilanċ dovut. Dwar l-ilment tal-appellant fir-rigward tal-ħlas ta’ mgħaxijiet, l-appellat jgħid li dawn kienu jiġu evitati kieku l-pagament sar b’mod tempestiv.

11. Il-Qorti tgħid li d-deċiżjoni kif mogħtija fid-deċiżjoni appellata hija waħda tajba, u għall-kuntrarju l-appellant ma jistax jikkontendi li l-fatti li ġew konstatati mit-Tribunal kellhom iwassluh għal konklużjoni differenti. It-Tribunal sewwa għaraf li l-kwistjoni bejn il-partijiet hija regolata permezz tal-iskrittura privata. It-Tribunal osserva li skont dik l-iskrittura kien jirriżulta li l-appellant kien iddikjara ruħu debitur tal-appellat fis-somma ta’ €13,000, u li ma kienx kontestat li sar pagament ta’ €5,000 u ieħor ta’ €4,000. It-Tribunal kompla jgħid li l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet jekk kienx hemm fil-fatt ammont ieħor ta’ €4,000 li kellu jitħallas, jew jekk dan kienx ġie saldat permezz

ta' makkinarju jew xogħol min-naħa tal-appellant. It-Tribunal ħa inkonsiderazzjoni l-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet, kif dawn kienu jirriżultaw li kienu konfliġġenti, kemm mix-xhieda u wkoll mid-difiża tagħhom, fejn l-appellant kien qed jeċċepixxi l-ħlas. Irrileva li ġaladarba kien qed jagħti din l-eċċezzjoni, l-appellant kellu l-oneru tal-prova fil-grad li din tneħħi l-inċertezza fil-ġudikant. Fil-każ odjern l-appellant kien naqas milli juri x'kien il-valur tal-makkinarju li skont hu kellu jpaċi d-dejn tiegħu, u anki milli jressaq kontrotalba għal dak li kien allegatament ix-xogħol li kellu wkoll jservi ta' tpaċija.

12. Il-Qorti tqis li għalkemm hekk kien mistieden li jagħmel mill-appellant, it-Tribunal ma kellux għalfejn jiżvija ruħu u jidħol f'kwistjonijiet ulterjuri ta' tpaċija tad-dejn, li saħansitra ma jagħmlux parti mill-imsemmija skrittura privata. Kif huwa stess għaraf, tali skrittura privata tirregola l-vertenza bejn il-partijiet u għalhekk l-ewwel eżerċizzju li għandu jsir huwa proprju eżami ta' dak li ġie miftiehem bejn il-partijiet.

13. Hawnhekk il-Qorti mill-ewwel tgħid li l-appellant m'għandux raġun meta jinsisti li huwa kien ħallas lill-appellant l-ammont ta' €4,000 u *"...il-bilanc rimanenti ta' €4,000 oħra billi għadda lill-attur tliet* second hand punches". In-notament fuq l-iskrittura privata li ħdejha mhux kontestat li hemm il-firem tal-partijiet, tgħid hekk: *"Paid by cheque 270 €4,000 + 3 2 hand punches".* Il-Qorti tosserva li sewwa jirrileva l-appellat li ma jirriżultax minn dan li l-pagament kif magħmul sar għas-saldu tal-bilanċ. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għad-dispożizzjonijet tal-artikolu 1156 u anki tal-artikolu 1197 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu kif ġej:

"1156. Il-kreditur ma jistax jiġi mġiegħel jirċievi ħaġa li ma tkunx dik li għandha tingħata lilu, għalkemm il-ħaġa offerta tkun tiswa daqs l-oħra, jew ukoll iżjed; jew li jirċievi l-ħlas ta' biċċa mid-dejn, għalkemm dan id-dejn ikun li jista' jinqasam

"1197. (1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu."

14. Il-Qorti tgħid li applikati għall-każ odjern, l-appellant ma setax minn jeddu jiddeċiedi li l-għodda kienu ser jagħmlu tajjeb għal parti mid-dejn li huwa kellu mal-appellat, u dan sakemm l-imsemmi appellat ma kienx ser jaċċetta b'mod ċar u inekwivoku li kien qed jieħu dik l-għodda minflok flus kontanti. Il-Qorti tirrileva li ma jirriżultax mill-iskrittura li l-partijiet kienu waslu għal ftehim bħal dan, u għaldaqstant il-Qorti ma tistax taċċetta li saret it-tpaċija allegata mill-appellant. Konsegwentement lanqas tista' taċċetta l-argumenti li jressaq l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, stante li dawn kollha jitilqu mill-premessa li l-iskrittura privata hija xhieda tat-tpaċija li seħħet bejn il-partijiet.

15. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravju tal-appellant ġustifikat u tiċħdu.

16. Għal dak li jirrigwarda l-imgħaxijiet kif deċiżi mit-Tribunal, il-Qorti ma tarax raġuni valida għaliex għandha tbiddel din id-deċiżjoni. Iż-żewġ raġunijiet li l-appellant joffri għall-allegat dewmien żejjed fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, ma jirriżultawx li kkontribwew daqstant, u l-Qorti tosserva li t-Tribunal ittenta jagħmel minn kollox sabiex il-proċeduri ma jitwalux bla bżonn. Inoltre, tikkonsidra li kienet proprju l-għażla tal-appellant innifsu li jikkontesta b'mod vessattorju u frivolu t-talba għall-ħlas kif magħmula mill-appellat, anki

permezz tal-appell odjern, li tat lok għad-dewmien fil-proċeduri. Għaldaqstant din il-Qorti hawn ukoll ma ssibx l-aggravju tal-appellant ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, filwaqt li tiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu u tilqa' t-talbiet tal-appellat.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern jitħallsu wkoll mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**